MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2787/2002

**Carmelo Bellizzi**

**Vs**

**Sandro Vella u Ronald Esquer**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm180 (mija u tmenin lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta’ kera ghax-xhur ta’ Ottubru u Novembru 2002.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-22 ta' Jannar 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-30 ta' Novembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------